ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 35** **IT-TLIETA 07 TA' OTTUBRU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 07 ta' Ottubru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Charles Farrugia kien infurma bil-miktub li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba impenji tal-Kunsill oħra.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raġuni bħala valida u għalhekk il-Kunsillier Charles Farrugia ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**35/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 34**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 34 li nżammet nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 34 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**35/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**35/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' kontra l-għargħar ġie ffinalizzat fejn għad jonqos xi ftit irtokki min-naħa tal-awtoritajiet. Intant is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-*Pelican Lights* twaħħlet sabiex in-nies ikollhom minn fejn jaqsmu b'aktar sigurta', u l-Kunsill ressaq talba lil Transport Malta sabiex issir *Speed Camera* fl-istess triq minħabba s-sewqan eċċessiv li diġa beda jseħħ peress li t-triq hija waħda lixxa u pjuttost dritta u twila. **Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jirrimarka li għalkemm il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista mhumiex kontra li ssir *Speed Camera*, huma jħossu li l-aktar mizura importanti hija l-*Pelican Lights* u li din għandha tibda' taħdem malajr kemm jista' jkun. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni dwar li vetturi qed jgħaddu mill-wied bejn il-pont ta' Correa u l-pont ta' Triq il-Mitħna u għaldaqstant fil-fetħa li hemm li tagħti għal Triq il-Wied, faċċata ta' Triq San Franġisk għandha tingħalaq b'xatba li tinfetaħ biss fix-xhur tas-sajf għal waqt l-attivitajiet nazzjonali peress li dik iz-zona tintuza għall-parkeġġ.

**35/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat li s-sejħa għall-attivitajiet kulturali u taz-zgħazagħ għalqet u kien hemm konkorrenza tajba. Peress li ġie innutat li ma kienx hemm applikazzjonijiet għall-attivitajiet tal-Festival tar-Rebbiegħa u tal-Inbid, il-Kunsill iddeċieda unanimament biex s-sejħa għal dawn iz-zewġ attivitajiet biss terġa toħroġ. Intant, għandu jiġi iffurmat il-Bord sabiex jaġġudika wara li tagħlaq it-tieni sejħa msemmija hawn fuq.

**35/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill wara li pproponiet li jiġi ffurmat *Working Group* biex jistudja is-sitwazzjoni tat-traffiku f'Ħal Qormi, ġejna infurmati li kemm Transport Malta kif ukoll l-Pulizija kienu se jattendu għall-ewwel laqgħa li se ssir fil-24 ta' Ottubru 2014 u li għaliha l-kunsilliera huma mħeġġa li jattendu.

**35/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill Malti għall-Isport infurmana li f'kaz li l-Kunsill mhux se jkun interessat li l-Fitness and Sports Park jinqaleb fuq il-Kunsill, huma fil-ħsieb li jibnu gabbana li tiġi mikrija lill-privat. Il-Kunsill mhuwiex favur li jkun hemm gabbana peress li fil-viċinanzi hemm *bars* tal-għaqdiet sportivi lokali. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona biex f'kaz li l-*ispeed camera* fi Triq il-Wied tiġi aċċettata u implimentata, huwa lest li jressaqha fir-Reġjun biex jieħu f'idejh dan il-*Fitness and Sports Park* fejn l-ispejjez ikunu mifdija mill-ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet iġġenerati mill-i*Speed Camera* msemmija hawn fuq. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li hija taqbel li jintużaw dawn il-fondi għall-manutenzjoni ta' dan il-park li iżda jkun amminstrat mill-Kunsill.

**35/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħażagħ għadu ma rrakkomandax persuna biex jimla l-kariga ta'

Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u għaldaqstant se jkun qed jingħata ċans sal-laqgħa li jmiss.

**35/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-intervista fejn ressqu preżentazzjoni tal-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta dwar l-aċċessibbilta'. Il-Kunsill se jkun qed jistenna r-riżultat ta' din il-kompetizzjoni fejn se jiġi magħżul Kunsill Lokali li ħadem l-aktar f'dan is-settur.

**35/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-European Urban Mobility Award, liema applikazzjoni kienet tinkludi miżuri differenti fejn il-Kunsill jkun jista' jtejjeb is-sitwazzjoni tat-traffiku urban fil-lokalita'.

**35/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li intalbet laqgħa lill-Kumitat tat-Tmexxija tas-Swieq fil-beraħ sabiex jiġi rregolarizzati dawn is-swieq. Il-Kunsill għandu jiltaqa' ma' dan il-kumitat fil-ġranet li ġejjin fejn se jiġi diskussi l-istrateġija tal-gvern f'dan il-qasam, u l-osservazzjonijiet mressqa mill-Kunsill

**35/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2014**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru 2014
**b)** *Bank Payments* Settembru 2014.
**c)** *Petty Cash* Settembru 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**35/03/01** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** skuża ruħu mill-laqgħa (fis-7.55pm).

**35/04** **MOZZJONIJIET**

**35/04/01** Ma kienx hemm mozzjonijiet mressqa x'jiġu diskussi.

## 35/05 RAPPORTI

### 35/05/01 APPLIKAZZJONI :Skema dwar Attivitajiet Sportivi

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-applikazzjonijiet tal-Iskema dwar Attivitajiet Sportivi għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**DOK 'B'**

**Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill se jkun qed jipparteċipa f'din l-iskema billi għamel żewġ applikazzjonijiet, waħda dwar korsijiet tal-aerobics/pilates etc, u oħra sabiex issir il-Fun Run.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** dawn l-applikazzjonijiet.

### 35/05/02 RAPPORT TAL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: Sejħa tal-Offerti għal Servizz ta' Konsulent Legali

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti għal servizz ta' Konsulent Legali. Ir-rapport jaqra hekk:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2014, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 30 ta' Mejju 2014 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-30 ta' Mejju 2014, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Jason Busuttil. Dan il-ftuħ kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva żewġ offerti (2) biss*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Cocyna Legal* | *€ 1,900* |
| *2.* | *Dr Stefan Zrinzo Azzopardi obo SZA Associates* | *€5277.48* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Robert Cremona u Bjorn Azzopardi ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord innota li l-offerta kienet titlob ħames snin esperjenza mal-Kunsilli Lokali, u l-orħos offerent issottometta ittra ta' riferenza mill-Kunsill Lokali Kerċem fuq Dr Alfred Grech u mhux fuq isem is-soċjeta li tefgħet l-offerta. Il-Kunsill innota wkoll li l-offerent indika li hemm partnership iżda naqas milli jaghti d-dettalji bhalma hija d-data ta' registrazzjoni u registration number tal-partnership kif mitlub fil-Form of Tender. Għaldaqstant peress li hemm informazzjoni nieqsa li kienet rikjesta, din l-offerta ġiet meqjusa bħala invalida u mhux administrative compliant. Għaldaqstant il-bord evalwa t-tieni offerta li*

*kienet tissodisfa r-rekweżiti u għaldaqstant kienet administrative and technical compliant. Il-Bord innota li l-kuntrattur huwa l-istess wieħed li kellu l-Kunsill għal dawn l-aħħar snin fejn is-servizz kien wieħed tajjeb. Il-Bord innota wkoll li l-offerta mitfugħa minn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi hija ekwivalenti għas-somma li l-Kunsill qed iħallas fil-kuntratt eżistenti u skont il-budget tal-Kunsill. Il-Bord iddecieda li jagħżel l-offerta mitfugha minn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi bis-somma ta' Eur5277.48.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn qed jiġi rrakkomandat biex tintgħażel l-offerta ta' Dr Stefan Zrinzo Azzopardi (SZA) sabiex ikun il-Konsulent Legali tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjin.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni lil Dr Stefan Zrinzo Azzopardi wara li jgħaddi l-perjodu tal-appell, u konsegwentament jiġi ffirmat il-kuntratt għal tlett snin li jibda mill-1 ta' Novembru 2014.**

**35/05/03 RAPPORT TAL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: Sejħa tal-Offerti għal Servizz ta' Perit u Contracts Manager**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti għal servizz ta' Perit u Contracts Manager. Ir-rapport jaqra hekk:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2014, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 30 ta' Mejju 2014 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-30 ta' Mejju 2014, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Jason Busuttil. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tlett (3) offerti.*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Perit William Lewis* | *a) 0.9%* |
| | | *b) 0.5%* |
| | | *c) 0.8%* |
| | | *d) €150* |
| | | *e) Free* |
| | | *f) Free* |
| | | *g) Free* |
| | | *h) €7.50* |
| | | *i) €7.50* |

| | | |
|---|---|---|
| *2.* | *Mc2 Architects* | *1%* |
| *3* | *Robert Grech* | *a) 0.69%*<br>*b) 0.38%*<br>*c) 0.58/0.53%*<br>*d) €6.85*<br>*e) Free*<br>*f) Free*<br>*g) Free*<br>*h) €6.85*<br>*i) €6.85* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Antoine Saliba Haig u Robert Cremona, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord innota li peress li din hija offerta li kienet tikkonsisti f'rati differenti, il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa mill-Perit William Lewis u l-Perit Robert Grech peress dik mitfugħa minn MC2 Architects ma kenitx administrative compliant ladarba l-BOQ ma kenitx mimlija kollha u intefgħet rata għas-servizz a) biss. Il-Bord innota li d-differenzi fir-rati bejn il-Perit William Lewis u l-Perit Robert Grech huma minimi ħafna u għaldaqstant il-Bord evalwa l-offerta fuq l-esperjenza fejn il-Perit William Lewis għandu esperjenza ferm aktar vasta kemm mal-Kunsilli Lokali kif ukoll partikolarment mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi fejn dejjem offra servizz tajjeb. Il-Bord jirrakkomanda li jagħti l-offerta lill-Perit William Lewis abbażi tal-esperjenza u s-servizz passat.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn qed jiġi rrakkomandat biex tintgħażel l-offerta tal-Perit William Lewis sabiex ikun il-Perit u Contracts Manager tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjin.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni lil William Lewis wara li jgħaddi l-perjodu tal-appell, u konsegwentament jiġi ffirmat il-kuntratt għal tlett snin li jibda mill-1 ta' Novembru 2014.**

**35/05/03 RAPPORT TAL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: Sejħa tal-Offerti għat-Tindif taż-żona mhux Urbana**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti għal servizz ta' tindif taż-żona mhux urbana. Ir-rapport jaqra hekk:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2014, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 30 ta' Mejju 2014 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-30 ta' Mejju 2014, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Jason Busuttil. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva erba' offerti (4) biss*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *C. Baldacchino* | *€ 8,885* |
| *2.* | *Carmel Mazzittelli* | *€9,600* |
| *3* | *Saviour Mifsud* | *€ 8,600* |
| *4* | *WM Environmental Ltd* | *€7,889* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli u Robert Cremona ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord innota li l-orħos offerta dik mitfugħa minn WM Environmental Ltd €7,889 hija administrative u technical compliant. Il-Bord innota li dan il-kuntrattur huwa wieħed mill-kuntratturi tat-tindif tal-Kunsill u s-servizz huwa wieħed sodisfaċenti. Il-Bord, jirrakkomanda li dan il-kuntratt jingħata bi prova, għal sitt xhur u f'każ li x-xogħol ikun sodisfacenti dan jiġġedded skont il-kuntratt. Il-Bord jirrakomanda li f'każ li l-kuntrattur ma jissodisfax lill-Kunsill fl-ewwel sitt xhur il-Bord jagħtiha lit-tieni l-orħos offerent Saviour Mifsud bl-istess kundizzjonijiet.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn qed jiġi rrakkomandat biex tintgħażel l-offerta ta' WM Environmental Ltd għall-perjodu ta' sitt xhur li iżda tiġi mġedda annwalment għall-perjodu massimu ta' tlett snin.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni lil WM Environmental Ltd wara li jgħaddi l-perjodu tal-appell, u konsegwentament jiġi ffirmat il-kuntratt għal perjodu ta' prova ta' sitt xhur li jibda mill-1 ta' Novembru 2014, u li jista' jiġi mġedded skont il-performance, annwalment għall-perjodu massimu ta' tlett snin.**

**35/06 KORRISPONDENZA**

**35/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'C 1-4'**

1. Dwar talba mill-*Malta Records* sabiex il-Kunsill jagħti għajnuna finanzjarja għall-attivita' Festival tal-Banana li se ssir fis-16 ta' Novembru, il-Kunsill Lokali ma laqax it-talba peress li skont il-policy tal-Kunsill, il-Kunsill se jkun qed jagħti għajnuna finanzjarja għal dawk l-attivitajiet diġa elenkati fis-sejħa li ħarġet ftit tal-jiem ilu. Il-Kunsill se jkun qed jgħin fl-użu tal-*photocopier* tal-Kunsill sabiex jiġu stampati numru raġonevoli ta' posters.

2. Dwar talba għall-permess mill-Għaqda Mużikali San Gorg Martri sabiex titwaħħal noticeboard permanenti fi Triq il-Kbira, il-Kunsill mhijiex l-entita' li toħroġ permessi simili, iżda hija l-MEPA, u għaldaqstant din l-għaqda għandha tiġi avżata biex tapplika għand l-MEPA.

3. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq Anici biex titwaħħal mera tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandha teħel din il-mera sakemm jinġieb il-permess mingħand sid ir-residenza fejn huwa ppropost li teħel din il-mera.

4. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Ġnien sabiex isiru road humps f'din it-triq u Triq il-Fontanier. Il-Kunsill qabel li japplika għand Transport Malta biex isiru dawn ir-road humps.

**35/07 INFORMAZZJONI**

**35/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar il-proposta ta' one way fi Triq Marju Pace u fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretrju Eżekuttiv irrisponda li fil-każ ta' Triq Marju Pace, il-Kunsill kien qed jistenna r-reazzjoni tar-residenti filwaqt li fil-każ ta' Triq il-Belt Valletta, qed isiru id-disinji mill-perit tal-Kunsill.

**35/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar f'hiex wasal il-pjan tal-Kunsill dwar l-asflatar ta' Triq Lydda, Triq id-Drama u Triq l-Ghana u l-bankini ta' Triq il-Poeżija. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irrispondiet li dawn għandhom isiru fil-gimgħat li ġejjin wara li intalbu l-permessi necessarji. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreciża li fil-każ ta' Triq id-Drama se jsir *patching* u mhux asfaltar tat-triq sħiħa. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** komplet li l-Kunsill se jkun qed jagħmel bdil ta' bankini f'numru ta' toroq skont ir-rapport ta' kundizzjoni tal-bankini li kien sar mill-perit tal-Kunsill.

**35/07/03** **Il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Robert Cremona** ġibdu l-attenzjoni dwar il-bżonn li l-Kunsill ikollu *facebook* tiegħu. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irrispondiet li l-Kunsill diġa ħa deċiżjoni fuq din il-materja fejn il-

Kunsill kien qabel li jkollu *facebook* sakemm dan jista' jintuża esklussivament bħala *noticeboard* u mingħajr użu addizzjonali ieħor, liema facilita' mhix possibli. Il-Kunsill qabel li jżomm ma' din id-deċiżjoni.

**35/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.